MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 195/2012

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnax ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal illi ghadhom minorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Nicholas Vella mit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disa (2009) (Ara Dok B anness) pero' kienu ilhom de facto separati il fuq minn seba' (7) snin (Ara Dok C u D);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom is-snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skond l-anness kuntratt ta’ separazzjoni personali (Ara Dok B anness, Klawsola 3) il-partijiet irrinuncjaw reciprokament mid-dritt illi jiehdu manteniment minghand xulxin;

Illi l-manteniment dovut lill-ulied skond l-anness kuntratt ta’ separazzjoni personali (Ara Dok B anness, Klawsola 8) m’hemmx pretenzjonijiet dwaru;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tipprnunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi l-esponeti ma jopponix ghat-talba ghall-hall taz-zwieg bejnu u r-rikorrenti, u jaqbel mal-fatti kif dedotti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta’ Dicembru 2009, izda ilhom de facto separati ghal madwar seba’ (7) snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament illi jiehdu manteniment minghand xulxin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pretenzjoni fir-rigward tal-manteniment dovut lill-ulied;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------